**4 ta' Ottubru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**

Nerico Borg

*versus*

Frank Borg

**Appalt — Dritt tal-kommittent li jxolji l-Appalt.**

*Il-kommittent għandu d-dritt ixolji l-appalt mogħti lill-appaltatur; pero meta ma jkunx hemm 'colpa' da parti ta' l-appaltatur il-kommittent li jeserċita dan id-dritt hu obbligat li jindenizza lill-appaltatur billi jħallsu tax-xogħol li laħaq għamel u jħallsu ukoll somma li tiġi fissata mill-Qorti skond iċ-ċirkostanzi, li ma teċċedix il-profitt li l-appaltatur kien jagħmel kieku kompla x-xogħol.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, premess illi l-konvenut inkariga lill-attur sabiex jagħmel ix-xogħol ta' kommunikazzjoni ta' drenaġġ mill-'mains' tal-Gvern għall-abitazzjoni tiegħu bil-prezz miftiehem ta' tmientax il-lira (£18.0.0) u premess illi l-konvenut wara li l-attur laħaq beda x-xogħol u bla ebda raġuni valida skond il-liġi inkariga lil terzi sabiex ikomplu l-istess xogħol li kien beda l-attur u b'hekk l-istess attur baqa' bla xogħol talab illi l-konvenut jiġi kkundannat minn

din il-Qorti sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' tmientax il-lira jew kwalunkwe somma oħra verjuri li jidhrilha dina l-Qorti u dana in linea ta' danni stante l-aġir tal-istess konvenut. Bl-ispejjeż inklusi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Diċembru, 1962 kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet li biha l-konvenut oppona illi t-talba ta' l-attur hija nsostenibbili għaliex l-attur ma ħadimx skond il-ftehim u telaq ix-xogħol bla ġusta kawża.

Rat is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Marzu, 1963 li biha laqat it-talba ta' l-attur u kkundannat lill-konvenut iħallas bħala danni lill-attur is-somma ta' tmientax il-lira (£18) bl-ispejjeż kontra l-konvenut, wara li kkunsidrat:—

Peress ili rriżulta li l-attur qabbad lill-konvenut biex jagħmillu l-kommunikazzjoni tad-drenaġġ mal-'mains' tal-Gvern f'Princess flats, Birkirkara Road, San Ġiljan bil-prezz miftiehem ta' tmientax il-lira (£18.0.0), u illi wara li l-attur ħadem ġurnata u l-għada, fis-27 ta' Novembru, 1962, imħabba f'xita qawwija, huwa ma marx jaħdem, u meta mar l-għada biex ikompli x-xogħol sab li l-konvenut kien qabbad, minn rajh, lil ħaddieħor, suġġerit mill-ħaddiema tal-Gvern li kienu qed jaħdmu trinka fit-trieq quddiem id-dar tal-konvenut, u hekk qala barra lill-attur.

Peress illi rriżulta li dik in-nhar li l-attur ma ħadimx kienet għamlet xita qawwija, kif jidher mix-xhieda ta' l-attur u mir-'records' meteoroloġiċi tal-Università u ta' Ħal-Luqa.

Peress illi għalhekk l-assenza tal-attur kienet ġustifikata mħabba li ma kienx possibbli li hu jaħdem fix-xita, u hekk

il-konvenut ma kellux jilliċenzjah.

Peress illi l-attur, meta aċċetta x-xogħol tal-konvenut kien irrifjuta xogħol ieħor, kif hu stess xehed, u konsegwentement il-konvenut hu passibbili għad-danni li l-attur sofra, li l-Qorti ssib ġusti fl-ammont ta' tmientax il-lira (£18.0.0.).

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi miċħuda *t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi* kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż anki ta' din l-istanza kontra l-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Din il-Qorti ma ssibx raġuni biex ma taqbilx mal-konklużżjoni *raġġunta mill-ewwel* Onorabbli Qorti fis-sens illi ma tul il-lejl u fil-għodu ta' dik inhar li l-attur ma marx biex ikompli x-xogħol kommess lilu mill-konvenut u li hu kien ġa beda l-ġurnata ta' qabel, kienet għamlet xita qawwija u l-attur għalhekk ma kienx inġustifikat li ma jmurx għax-xogħol. Ix-xhieda ta' l-attur f'dan ir-rigward tidher korroborata *mix-xhieda ta' l-uffiċjali meteoroloġiċi u d-dokumenti* eżibiti: Ma jidherx li hemm dubju illi x-xogħol inbeda it-tnejn, 26 ta' Novembru, 1962 u li l-attur naqas li jmur għax-xogħol l-għada 27 ta' Novembru. Anki l-ewwel ġurnata kienet għamlet ix-xita, mid-9 ta' fil-għodu li kompliet, ħafif u ntermittenti sa xi l-4 ta' wara nofsinhar. Minn dak il-ħin it-temp kompla jeħżien u kompla bil-maltemp ta' ragħad u xita, kultant qawwija, b'interval ta' xi siegħat, sa l-għada sa

kważi s-siegħa (Dan jidher mid-dokument eżibit mill-istess konvenut man-nota tiegħu). Herbert Kirk xehed: "There was a lot of rain on the 26th November, 1962 and during the night of the 27th November. There was heavy rain during the night of the 27th November, 1962." Dawn huma l-*konstatazzjonijiet li saru fuq l-area ta' Ħal-Luqa. Pero jid*her illi ma dwar l-area ta' Birkirkara, fejn ix-xogħol kien qiegħed isir, ix-xita aktarx kienet agħar u iktar qawwija. Infatti kif jidher mix-xhieda ta' Joseph Formosa r-records ta' l-Università fl-istazzjonijiet tan-Naxxar u Ħal-Balzan juru kejl ta' xita wisq akbar minn dak ta' Ħal-Luqa: 3.23 pulzieri u 2.78 pulzieri rispettivament f'perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa ifissru xita bil-qliel u bosta għall-Malta.

Ħaddiema bħall-attur soltu jibdew ix-xogħol kmieni filgħodu. Infatti l-ewwel ġurnata l-attur kien beda x-xogħol fis-7 a.m. Għalhekk jidher ċar li mhux bla raġuni hu deherlu li ma satax imur ikompli dik inhar tas-27.

Ankorke, pero, l-attur kellu din ir-raġuni tajba, il-konvenut kellu wkoll id-dritt li minn rajh, jittermina l-appalt u jkompli x-xogħol permezz ta' ħaddieħor speċjalment jekk deherlu li x-xogħol kien għaliħ tant urġenti. Dan id-dritt kien jidderiva lill-konvenut mill-artikolu 1734 tal-Kodiċi Ċivili. Imma ġa la darba ma kienx hemm kolpa da parti tal-attur, il-konvenut li eżerċita dak id-dritt hu obbligat li jindennizza lill-attur billi jħallsu tax-xogħol li laħaq għamel u jħallaslu wkoll somma li tiġi iffissata mill-Qorti skond iċ-ċirkostanzi, li ma teċċedix il-profit li l-attur kien jagħmel kieku kompla x-xogħol.

L-ewwel Onorabbli Qorti akkordat lill-attur l-ammont kollu miftiħem għax-xogħol. Din il-Qorti tħoss illi dan ma

jidherx ġustifikat. Kif ikkalkola l-istess attur, ix-xogħol kieku ħadmu kollu hu kien jeħodlu erbat ijiem. Fil-fatt hu ħadem ġurnata waħda biss. Meħud rigward tal-ħlas li l-attur kien ħaqqu għax-xogħol li laħaq lesta, li fuq il-bażi tal-prezz miftiehem għall-inter, kien jiswa erbgħa liri u għaxar xelini (£4.10.0), il-Qorti jidhrilha li ammont ta' sebgħa liri u nofs (£7.10.0.) bħala indenniz għal telf tal-profit ikun adegwat. B'kollox għalhekk il-konvenut għandu iħallas lill-attur is-somma ta' tnax il-lira (£12.0.0.).

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa l-appell fis-sens biss li tirriduċi s-somma dovuta lill-attur mill-konvenut minn tmientax il-lira (£18) għal tnax il-lira (£12) u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata kwantu għall-meritu. L-ispejjeż ta' prim'istanza jibqgħu għall-kariku tal-konvenut, raggwaljati pero fuq l-ammont issa kanonizzat kontra tiegħu. L-ispejjeż ta' l-appell jitħallsu żewġ terzi mill-konvenut u terz mill-attur.